**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 11 ta' Lulju 2016**

**Pulizija**

**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**Vs**

**Mario Grech**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Mario Grech ta' 46 sena, bin Emanuel u Carmen nee' Portelli, imwieled Mtarfa (l/o Rabat, Malta) fil-25 t'Ottubru 1966, u residenti f'Numru 29, Primrose, Triq is-Santwarju, San Gwann. Detentur tal-Karta ta' l-identita' bin-numru 437366M;

Talli f'Dicembru 2010, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' smijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew

ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq t'aktar minn elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' David Pace, Grezzju Camilleri, Hector Vella, Pierre Muscat u Frank Debattista;

2) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' David Pace, Grezzju Camilleri, Hector Vella, Pierre Muscat u Frank Debattista, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi in linea preliminari, mill-provi prodotti jirrizulta li l-fatti li dwarhom gew istitwiti dawn il-proceduri kollha sehhew fiz-zmien bejn Lulju u Settembru 2007, mentri l-akkuza tirreferi ghall-perjodu ta' Dicembru 2010 "u fix-xhur ta' qabel". Irrisulta li bejn Lulju u Settembru 2007, l-imputat kien ha somom ta' flus minn ghand terzi sabiex ighinhom jinghataw proprjeta' bi skema tal-gvern. Il-pagamenti li kien ircieva, u d-dokumenti li kienu nhargu sabiex jintwera li kien hemm proprjeta' tal-gvern li setghet tinxtara, kollha saru fil-perjodu msemmi, bejn Lulju u Settembru 2007.

L-Artikolu 360(2) tal-Kap 9 jispecifika x'inhuma l-elementi essenzjali li ghandu jkun hemm f'akkuza kriminali, fosthom iz-zmien u l-lok ta' meta u fejn ikun sehh l-akkadut. Di fatti, peress illi jidher li dan ir-reat sehh tul perjodu ta' ftit xhur, kien jinvolvi serje ta' atti individwali li graw f'diversi lokalitajiet f'Malta. Ghalhekk fl-akkuza, apparti l-addebitu tar-reat kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap 9, saret referenza biss ghal "f'dawn il-gzejjer" bhala lok fejn sehh ir-reat. Dan, ai finijiet tal-akkuzi u skond il-ligi, huwa sufficjenti. Huwa car li r-reat, f'dan il-kaz, sehh f'diversi lokalitajiet tul perjodu partikolari.

Ghalhekk, l-ewwel ostakolu li jrid jigi meghlub f'din il-kawza huwa jekk id-dicitura tal-akkuza, li tirreferi ghal "Dicembru 2010, u fix-***xhur*** ta' qabel...", tistax ukoll tinkorpora fiha xhur ta' tlitt snin qabel. Huwa risaput fil-gurisprudenza taghna li meta l-akkuza tirreferi ghal "xhur ta' qabel", l-aktar li tista' tmur lura huwa tnax-il xahar, li diga', fil-fehma tal-Qorti, tkun qed iggebbed il-kuncett taz-zmien lil'hinn minn dak li huwa ragonevoli. Jekk, addirittura, dan il-kuncett ser jiggebbed ghal tlitt snin u nofs, allura wiehed jista' jwarrab ghal kollox l-element essenzjali taz-zmien meta sar ir-reat. Ghalkemm huwa minnu li gie moghti l-addebitu tar-reat kontinwat, li ghalhekk necessarjament ifisser li ma kienx hemm att wiehed izda diversi atti ripetuti fuq medda ta' zmien, dak iz-zmien irid jissemma b'mod car, sabiex l-imputat ikun jista' jiddefendi ruhu sew kontra l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Fil-fehma tal-Qorti, il-perjodu msemmi fic-citazzjoni, u cioe' dak ta' "Dicembru 2010 u fix-xhur ta' qabel", huwa zmien ghal kollox differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti kif migjuba fil-provi mismigha minn din il-Qorti. Dan il-principju gie ampjament espost f'diversi sentenzi tal-qrati taghna, fosthom **"Pul. V. Warren Piscopo"** u **"Pul. V. Rita Theuma"**, decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fid-19 ta' Ottubru 2011, u **"Pul. V. Andre' Falzon"**, deciza mill-istess Qorti fid-19 ta' Novembru, 2015. Ghalhekk dan l-ostakolu ser ikun fatali ghat-tezi tal-Prosekuzzjoni, u l-Qorti l-anqas ghandha ghalfejn tidhol fil-mertu tal-kaz innifsu – li zgur kien jimmerita kunsiderazzjonijiet differenti minn dawn, u forsi esitu aktar felici ghall-Prosekuzzjoni u ghall-*parte civile*.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23B, 31, 293, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant qieghda tilliberah min kull akkuza migjuba kontrih.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**